KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 45

Il-Ħamsa u erbgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 1 ta' Settembru 2015 fis-6.25pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta kompliet b'din l-Agenda:*

1. *Tiġdid ta' kuntratti*
2. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
3. *Aġġornament*

## 1. TIGDID TA' KUNTRATTI

1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kuntratti tal-manutenzjoni tat-toroq (Philip Agius and Sons), l-Accountant (3A), manutenzjoni

*soft areas* (ELC) se jiskadu din is-sena. Is-SE saqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li dawn jiġġeddu għal sena bl-istess prezz li huma prezentament u t-talba għal tender ġdid tissejjaħ għas-sena d-dieħla. Kien hemm qbil li jiġġeddu għal sena bil-kundizzjoni li t-tenders tas-sena d-diehla jigu riveduti mill-kumitat qabel jinhargu.

## 2. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

2.1 Is-Sindku informa li se jkun hemm *deposit* mil-fondi tar-regjun.

2.2 Dwar il-proġett tal-Gnien Indipendenza is-Sindku fakkar li kellha ssir tabella biex il-Kunsill javza lill-pubbliku bil-proġett li se jsir. *Proġett Gnien Indipendenza*

2.3 Is-SE fakkar li l-prijorita ta' dan il-proġett huwa d-dawl. L-i*specifications* iridu jiġu mill-Ing. Borg skond kif kien qabel l-Kunsill. Il-Kunsill qabel li nimxu hekk, izda jekk ma ninghatawx twegiba fil-jiem li gejjin, nmexxu direttament mal-Perit tal-Kunsill.

2.4 Il-Kunsill ġie infurmat li hemm laqgħa organizzata mill-Ministeru tal-Finanzi dwar il-Budget 2016. Il-Kunsill qabel li xi membri jattendu u jitkellmu dwar kif il-*financial allocation* ma hux qegħda sservi lill-Kunsilli. Is-SE għandu jlesti rapport u s-Sindku u l-Viċi Sindku għandhom ikunu prezenti għal din il-laqgħa. *Laqgħa – Ministeru tal-Finanzi*

2.5 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera li meta jressqu s-suġġerimenti tagħhom izommu f'moħħhom il-budget tal-Kunsill. Is-SE qal li uħud mill-proġetti proposti jistgħu ma jiġux approvati mill-ewwel, issuġġerixxa li dawn jiġu kkalkulati waqt *finance committee* u wara jitressaq għall-approvazzjoni f'laqgħa ta' Kunsill . *Proposti mill-Kunsill*

2.6 Il-Viċi Sindku saqsa jekk affarijiet zgħar jistgħux jgħaddu mill-ewwel. Is-SE fakkar li sa l-aħħar tas-sena nistgħu inkunu fi zbilanċ jekk il-Kunsill ma joqgħodx attent. Is-Sindku fakkar li tajjeb li l-Kunsill jgħaraf il-prijoritajiet.

*Il-Kunsillier P. Radmilli daħal għas-seduta fis-6.55pm (għaliex kien waqt laqgħa tar-Regjun)*

2.7 Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li xi drabi tressaq xi proposti zgħar u ma jkunux għadhom saru meta tara li proposti li jkunu mressqa minn ħaddieħor oħra ikunu diġa saru.